# QORTI TA' L-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Marzu, 2001**

**Numru 5**

**Cit. numru 1536/98 RCP**

**Lino Chircop**

**vs**

**Direttur tal-Kuntratti**

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

Fl-24 ta' Novembru, 1999, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ppronunzjat is-segwenti sentenza li biha d-Direttur tal-Kuntratti gie kkundannat ihallas l-ispejjez tal-kawza wara li gie dikjarat li l-mertu kien ezawrit:-

**"Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI</u>**

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur a fol 1 tal-process fejn gie premess:

Illi l-istanti gie assenjat it-tender datata 8 ta' Lulju 1996, taht Contract Notice Numru 332/96 ghall-kiri lill-Manufacturing and Servicing Department (MSD) Works Division ta' *telescopic cranes*;

Illi ghal dan is-servizz ta' kiri l-istanti ghad baqghalu jircievi hlas ta' elfejn hames mija u ghoxrin lira Maltija (LM2520);

Illi l-konvenut nonostante li gie interpellat biex ihallas baqa' inadempjenti;

Talab ghalhekk li konvenut jghid il-ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi:-

(1) tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-attur is-somma bilancjali dovuta ta' elfejn hames mija u ghoxrin lira Maltija (LM2520) ghall-kiri ta' cranes kif fuq imfisser;

Bl-interessi u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra Ufficciali tat-12 tat Gunju 1998 u tal-ittra legali tas-26 ta' Marzu 1998 kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol 3 et sequitur tal-process;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut a fol 9 tal-process fejn gie eccepiet:

1. Illi mhux il-legittimu kontradittur fil-kawza u ghandu jkun liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi huwa ma jeffettwa l-ebda hlas u l-mansjoni tieghu hija li jara li l-kuntratti jinghataw skond il-ligi. Jidher ukoll skond klawsola 19 tal-Conditions of Supply and Materials kif ukoll skond klawsola 20 tal-Conditions for the Execution of Works li l-hlas irid isir mit-Tezor (u mhux mid-Direttur tal-Kuntratti) fi zmien ragonevoli wara li jkun sar ix-xoghol ghas-soddisfazzjon tal-Kap tad-Dipartiment. Dawn il-Kundizzjonijiet huma parti integrali minn kull kuntratt.

2. Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, skond l-istess klawsoli l-hlas irid isir fi zmien ragonevoli u ma jidhirx li kien hemm xi trapass taz-zmien li ma kienx ragonevoli.

3. Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, safejn gie infurmat, l-ammont imsenuni fic-citazzjoni m'ghadux aktar dovut.

B'rizerva ta' eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol 10 et sequitur tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Marzu, 1999 fejn l-avukat difensur tal-konvenut informa lill-Qorti li l-hlas mitlub fic-citazzjoni in effetti thallsu fil-mori tal-kawza fit-30 ta' Settembru 1998. Illi fl-istess seduta l-avukat tal-attur ipprezenta nota fejn ceda s-sorte stante hlas pero' zamm ferm il-kap tal-ispejjez;

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Marzu, 1999 fejn il-kawza giet differita ghall-provi kollha ghall-21 ta' April 1999;

Rat il-verbali tas-seduti tal-21 ta' April u tad-19 ta' Mejju 1999 fejn f'din ta' l-ahhar il-kawza marret *sine die*;

Rat ir-rikors ta' l-attur fejn talab lil din il-Qorti biex tirriappunta l-kawza billi titqieghed fuq il-lista tal-kawzi biex l-istess tigi trattata u definita;
Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-31 ta' Mejju, 1999 fejn irriappuntat il-kawza ghas-7 ta' Lulju 1999 sabiex jingiebu l-provi kollha tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-7 ta' Lulju, 1999 fejn l-avukat tal-attur esebixxa nota b'zewg dokumenti u ddikjara li m'ghandux provi aktar. L-avukat difensur tal-konvenut talab li jipprezenta nota b'fotokopja tad-dokumenti bil-visto tad-difensur tal-kontroparti. Il-Qorti fil-presenza tad-difensuri tal-partijiet laqghet it-talba w akkordat lill-konvenut ghaxart ijiem zmien. Il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq il-kap tal-ispejjez ghall-24 ta' Novembru 1999;

Rat in-nota tal-attur minn fol 23 sa fol 26;

Rat in-nota tad-Direttur tal-Kuntratti minn fol 27 sa fol 33;

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din il-kawza giet istitwita minhabba l-fatt li l-attur inghata t-tender datata 8 ta' Lulju 1996 ghall-kiri lill-*Manufacturing and Servicing Department and Works Division* ta' *telescopic crane*, u kien ghad fadallu jircievi hlas ghal tali servizz. Illi ghalkemm hu nterpella lill-konvenut biex ihallas dan ma hallsux.

Illi l-konvenut eccepixxa l-ewwel nett li mhux il-legittimu kontradittur fil-kawza u ghandu jkun liberat mill-osservanza tal-

gudizzju stante illi huwa ma jeffettwa l-ebda hlas u l-mansjoni tieghu hija li jara li l-kuntratti jinghataw skond il-ligi.
Illi l-istess attur ceda s-sorte stante hlas pero` zamm ferm il-kap tal-ispejjez. Illi ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi biex taghti d-decizjoni taghha f'dan ir-rigward.

Illi bla ma tidhol fil-mertu tal-kaz in kwistjoni din il-Qorti trid tikkunsidra illi jekk verament id-Direttur tal-Kuntratti mhux il-legittimu kontradittur allura hu m'ghandux ibati l-ispejjez ta' din il-kawza ghax ma kellux jigi mharrek hu.

Illi m'hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt li l-ittra fejn infurmat lill-attur li t-tender tieghu kien intghazel intbaghtet mid-Dipartiment tal-Kuntratti (fol 25). Illi ma' l-istess ittra ntbaghtu r-rati ta' kif l-attur kellu jithallas tas-servizz li kien se jipprovdi. Illi evidentement tali servizz inghata – fil-fatt issa l-hlas sar.

Illi fin-nota tieghu d-Direttur tal-Kuntratti esebixxa kopja fotostatika tal-klawsola 20 tal-*Conditions for the Execution of Works in Malta* li turi li l-hlas ma jigix effettwat mid-Direttur tal-Kuntratti – imma l-hlas isir mit-Tezor. Illi giet esebita wkoll kopja fotostatika tal-klawsola 19 tat-*Conditions for the Supply of Materials and other Articles* li turi li l-hlas ma jigix effettwat mid-Direttur tal-Kuntratti. Illi l-istess Direttur esebixxa wkoll kopja fotostatika ta' l-Avviz Legali 70 ta' 1996 (Regolamenti 1 sa 5) li turi li waqt li d-Direttur tal-Kuntratti huwa responsabbli li l-kuntratti tal-Gvern jew ta' entitajiet parastatali jinghataw b'mod gust u ekwu u fl-ahjar interess tal-Gvern, qed isostni li hu bl-ebda mod m'huwa responsabbli li jaghmel xi hlasijiet.

Illi huwa minnu li l-hlas kellu jsir mit-Tezor. Illi pero` min-naha tieghu l-attur dejjem kellu x'jaqsam mad-Dipartment tal-Kuntratti u kwalunkwe korrispondenza kienet ma' tali dipartiment. Illi jekk allura l-attur kellu l-obbligazzjoni li jaghti s-servizz u fil-fatt dan ghamlu, min-naha tieghu d-Dipartiment ghandu l-obbligazzjoni li jhallas. Illi jekk il-hlas isir mit-Tezor dan hu rrilevanti ghax l-obbligazzjoni kienet bejn l-attur u d-dipartiment.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi tiddikjara l-mertu ezawrit stante hlas tas-sorte u cessjoni tieghu, u tikkundanna lill-konvenut li jhallas il-kap ta' l-ispejjez interament.

**Moqrija".**

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

L-aggravju tad-Direttur tal-Kuntratti hu li l-ewwel Qorti naqset li tikkonsidra li ghalkemm hu kien johrog il-Letter of Acceptance tal-kuntratti, dan kien isir biex skond ir-regolamenti vigenti (Avviz Legali 70 ta' l-1996), huwa jara li l-kuntratti tad-Dipartimenti tal-Gvern u ta' entitajiet parastatali jinghataw b'mod gust u fl-ahjar interess tal-gvern u bl-aktar mod trasparenti ghas-sodisfazzjon ta' kulhadd.

Il-kuntratt kien esplicitament jipprovdi illi l-pagament kellu jsir mit-Tezor u kien juri bic-car li ghalkemm l-appellat kien ha l-*Letter of Acceptance* minghand l-appellant, hu kien jaf ukoll li l-hlas ma kienx ser isir minnu ghax dan lanqas kellu l-fondi ghal dan il-ghan.

L-appellant jinvoka l-artikolu 998 tal-Kodici Civili li jipprovdi illi:-

> "Ghandu jitqies illi wiehed wieghed jew ftiehem ghalih innifsu, ghall-werrieta tieghu, u ghal dawk illi minnu gejjin il-jeddijiet taghhom, meta l-kuntrarju mhux stabbilit mil-ligi, jew mill-partijiet fil-ftehim, jew ma jkunx jidher xorta ohra mill-ftehim".

Hu allura permess li tnejn jistghu jiftehmu bejniethom izda certi obbligi jhalluhom ghal haddiehor. F'dan il-kaz l-obbligu tal-hlas thalla f'idejn haddiehor u dan bi qbil bejn il-partijiet. Konsegwentement id-Direttur tal-Kuntratti ma kienx legittimu kuntradittur f'din il-kawza u lanqas

ghandu johrog l-ispejjez tal-kawza li fiha gie citat hu inutilment, meta kellu jigi citat haddiehor. Dan l-aggravju fil-fehma ta' din il-Qorti hu ghal kollox insostenibbli.

Jinghad qabel xejn illi jidher li l-appellant jikkonsidra d-diversi dikasteri ta' amministrazzjoni pubblika bhala entijiet awtonomi u indipendenti minn xulxin li ma jirrispondux ghall-operat ta' xulxin fil-konfront tar-relazzjonijiet taghhom mac-cittadin. Dan hu fondamentalment zbaljat. Imma anke jekk jittiehed biss, ghall-grazzja ta' l-argument li kien korrett, l-appell ifalli ghaliex hu ovvju illi anke fuq dan il-pjan ma tirrizulta l-ebda rabta kontrattwali bejn l-attur u t-Tezor, li, min-naha tieghu, fl-ebda hin ma obbliga ruhu fil-konfront ta' l-attur appellat li jhallas l-ammont f'din il-kawza minnu reklamat.

L-Avviz Legali 70 ta' l-1996 principalment jirregola r-relazzjonijiet interni bejn diversi dipartimenti tal-Gvern u jiddefinixxi r-responsabilitajiet taghhom in materja ta' amministrazzjoni tal-kuntratti li l-amministrazzjoni pubblika tintraprendi mac-cittadini, fosthom dik illi kien it-Tezor li kellu jaghmel il-pagamenti dovuti. It-Tezor ma kienx pero' parti fil-kuntratt u ma setghax ikun, certament mhux direttament, il-legittimu kontradittur ta' l-attur li nnegozja u ntrabat biss ma' l-appellant. L-artikolu 998 tal-Kodici Civili citat mill-appellant fuq riportat, m'ghandu l-ebda rilevanza ghall-kaz taht ezami. Ghalkemm hu minnu li hu permess li tnejn jistghu

jiftehmu bejniethom izda certi obbligi jhalluhom ghal haddiehor, dak il-haddiehor ma jistax jinghad li jkollu rabta kontrattwali maghhom naxxenti mill-kuntratt konkjus  bejniethom, jekk ma tkunx tirrizulta l-adezjoni tieghu illi jassumi tali obbligu.  Minn imkien mill-atti ma jirrizulta li t-Tezor assuma dan l-oneru ta' pagament fil-konfront ta' l-appellat. Kieku hawn si tratta ta' kaz normali bejn l-individwi, it-terz citat kien ikollu kull dritt jeccepixxi li hu kien propjament estraneju ghan-negozju li ghalih  kien  res inter alios acta.

Kienet se mai rilevanti l-konsiderazzjoni ta' dritt illi kull persuna kienet intitolata li thallas id-dejn ta' hadiehor anke jekk ma kienet tirrizulta l-ebda obbligazzjoni kontrattwali li timponi fuqha li hekk taghmel, pero' f'dawk ic-cirkostanzi hi certament ma ssirx parti fil-kuntratt li ta lok ghal dak id-dejn u wisq anqas ma taghti xi jedd lill-kreditur illi jiccitaha biex thallsu  dak li kien lilha dovut minn haddiehor.

Dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti taghmilhom mhux ghaliex kienu pertinenti ghall-kaz taht ezami,  imma ghaliex kienu indikati biex tinghata risposta lill-aggravju principali ta' l-appellant.  Kien invece pertinenti ghall-mertu s-segwenti:-

1) Din il-Qorti m'ghandhiex dubju illi l-amministrazzjoni pubblika taqa' taht ir-responsabilita' tal-Gvern li jamministraha, u sakemm il-

mertu jaqa' fl-ambitu ta' tali amminstrazzjoni kondotta mill-varji dikasteri li jikkomponu l-Gvern u li torigina mir-relazzjonijiet kuntrattwali bejnu u bejn ic-cittadin, kien il-Gvern l-enti morali guridiku li kellu jirrispondi ghall-obbligi assunti. Ir-relazzjonijiet kontrattwali allura jinholqu bejn il-Gvern u c-cittadin fil-kamp amministrattiv u mhux bejn ic-cittadin u min ikun qieghed jirrapprezenta l-Gvern fil-kuntratt partikolari that ezami.

2) Id-distinzjoni fondamentali allura hi bejn min kien il-legittimu kontradittur – li certament kien il-Gvern – u bejn min seta' jagixxi gudizzjarjament in rapprezentanza ta' dak il-legittimu kontradittur li fil-kaz tal-Gvern hu espressament definit bil-ligi fl-artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Dan l-artikolu jipprovdi kif il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni, salv dak li hemm fih provdut fir-rigward tal-funzjonijiet ta' certi ufficjali u ghall-attivitajiet partikolari ta' l-amministrazzjoni pubblika.

3) Ghandu jkun manifest illi f'kaz illi jkun hemm skorrettezza fil-persuna li giet citata in rapprezentanza ta' haddiehor, dak l-izball ma jwassalx biex l-atti gudizzjarji jigu inficjati ghaliex il-legittimu kontradittur jkun korrettement gie citat. Iwassal biss ghall-korrezzjoni fejn mehtieg tar-rapprezentanza guridika. Hi fil-fatt prattika zbaljata, anke jekk konswetudini, li l-Gvern jagixxi u jigi mharrek unikament fil-persuni tal-

Kap tad-Dipartiment sic et simpliciter. Il-formola korretta kellha tkun li l-Kap tad-Dipartiment kellu jagixxi dejjem bhala rapprezentant tal-Gvern. Il-Kap tad-Dipartiment ma jagixxi qatt f'ismu propju. Hu biss qaddej fis-servizz civili – it-termini klassiku "civil servant" hu elokwenti f'dan il-kontest – u ma kellu l-ebda dritt allura li jagixxi f'ismu propju personalment. Dan il-fatt kellu allura jigi debitament rikonoxxut fl-atti gudizzjarji biex jigi enfasizzat propju l-element tar-rapprezentanza, li hu veru implicitu fid-deskrizzjoni tal-kariga u dan isalva l-atti gudizzjarji hekk malament redatti, imma li l-artikolu 181B (1) tal-Kap 12 esplicitament jesigi meta jiddikjara "il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji".

4) Dan kollu qed jinghad l-aktar ghaliex il-precizazzjoni guridika li twassal ghall-korrettezza fir-redazzjoni ta' l-atti gudizzjarji fir-rigward ta' min kellu l-jedd iharrek u jigi mharrek kienet tevita hafna eccezzjonijiet inutili li inevitabilment jintralcjaw il-process.

5) L-artikolu 181B imbaghad, wara li jenunzja il-principju li l-Gvern kellu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni, ikompli bl-proviso illi, bla pregudizzju ghal dan il-principju, kien jipprovdi ghall-kawzi partikolari fejn il-Gvern seta' jkun rapprezentant minn Kap ta' Dipartiment iehor li kjarament ma jkunx dak inkarigat fil-materja in

kwistjoni. Is-subinciz (c) ta' dan il-proviso jipprovdi illi "kawzi dwar kuntratti ta' provista jew ta' appalt mal-Gvern (kif ovvjament hu l-mertu tal-kaz that ezami) jistghu f'kull kaz isiru mid-Direttur tal-Kuntratti". M'hemmx ghalfejn jinghad illi jekk jistghu isiru mid-Direttur tal-Kuntratti, jistghu wkoll jigu minnu difizi. L-appellat jidher allura konfortat ukoll b'disposizzjoni espressa tal-ligi.

6. Dan propju ghaliex, filwaqt li l-attur qed jagixxi ghall-kundanna tal-Gvern biex ihallsu somma bilancjali ghall-kiri ta' cranes, l-appellat kien rinfaccjat b'sitwazzjoni fejn id-debitur tieghu baqa' ma hallsux. Kien allura intitolat jippresumi illi kien hemm raguni ghaliex dak il-hlas ma giex maghmul u li tali raguni setghet kienet motivata minn xi allegata inadempjenza kontrattwali da parti tieghu. Il-mertu allura ta' l-azzjoni kien intimament konness ma' l-oggett tal-kuntratt konkluz ma' l-appellant u kien ghal kollox lecitu u naturali li l-kawza ssir kontra min obbliga ruhu li jhallas dak li kien dovut fil-kuntratt una volta l-attur jadempixxi l-obbligi kontrattwali tieghu. Certament it-Tezor kieku citat, kif ippretenda l-appellant, ma setghax ikun f'posizzjoni li jikkontesta t-talba attrici. Fuq dawn il-binari, hu kien ikollu necessarjament jew jeccepixxi li l-mertu ma kienx jinteressah ghax kien estraneju ghall-kuntratt konkjuz bejn il-kontendenti jew altrimenti, jitlob il-kjamata fil-kawza tad-Direttur tal-Kuntratti. F'kull kaz m'hemmx ghalfejn jinghad li kemm it-Tezor kif ukoll id-Direttur tal-Kuntratti kienu dejjem jagixxu in

rapprezentanza f'isem u fl-interess ta' l-istess Gvern. L-aggravju ta' l-appellant ma jirrizultax ghalhekk gustifikat.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

Dep/Reg

mm